# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 24/2020**

Data: L-Erbgħa 14 ta' Ottubru, 2020

Ħin: 18:00hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

Preżenti:
Sur Pierre Dalli – Sindku
Sur Clayton Portelli Cascun – Viċi Sindku
Sur Charles Bonello – Kunsillier
Sur Ray Deguara - Kunsillier
Sin Toshera Schembri - Kunsilliera
Dr. Ryan Ellul – Kunsillier
Sur Adrian Tanti - Kunsillier
Sur Mark Lombardo – Kunsillier

Skużati:
Sur Mario Fava – Kunsillier

Sin Cynthia Plumpton –Segretarju Eżekuttiv

---

## AĠENDA

**24.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA**

**24.2 MINUTI**

**24.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI**

**24.4 PURCHASE REQUEST FORMS**

**24.5 ĦLASIJIET**

**24.6 FINANZI**

**24.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI**

**24.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI**

**24.9 KORRISPONDENZA**

**24.10 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**24.11 JUM IL-FGUIRA / ĠIEĦ IL-FGURA**

**24.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI**

**24.13 TRAFFIC MANAGEMENT**

**24.14 STAFF**

**24.15 MOZZJONIJIET**

**24.16 PLANNING AUTHORITY**

**24.17 RAZZETT L-ANTIK – TRIQ HOMPESCH**

**24.18 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL**

**24.19 MISTOQSIJIET**

**24.20 AĠĠORNAMENT**

---

## 24.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**24.1.1** I Il-Kunsill ra u approva t-talba bħala ġustifikata biex il-Kuns M Fava jkun skużat għal din il-laqgħa. Is-Sindku nforma li l-Kuns C Bonello ser jingħaqad iktar tard għal din il-laqgħa peress li qiegħed fl-istess Kunsill għal laqgħa relatata mal-ambjent. Il-Kuns M Lombardo saħaq illi laqgħat m'għandhomx isiru waqt laqgħa tal-Kunsill. Is-Sindku nfurmah illi l-Kuns C Bonello huwa l-Kunsillier responsabbli minn dan il-qasam u għaldaqstant seta jattendi u li l-punt li ressaq ma jreġix.

## 24.2 MINUTI

Approvazzjoni tal-Minuti

**24.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5623/20/8 "Sabiex jiġu approvati l-Minuti tal-laqgħa 23/2020 bid-data ta' 28 ta' Settembru 2020".

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.2.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5624/20/8 "Sabiex jiġu approvati l-Minuti tal-laqgħa 22/2020 bid-data ta' 23 ta' Settembru 2020".

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 24.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**24.3.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 24.4 PURCHASE REQUEST FORMS

**24.4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5625/20/8 "Sabiex jiġu approvati PRFPO for CM October 2020 kif inhu anness" (Ara DOK 'A' anness). Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Approvazzjoni tal-PRFPO October '20

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 24.5 ĦLASIJIET

**24.5.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5626/20/8 "Sabiex jiġu approvati ħlasijiet minn 17/09/2020 sa 07/10/2020". Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul. (Ara DOK 'B' anness).

Approvazzjoni tal-ħlasijiet

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.5.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5627/20/8 "Sabiex dan il-Kunsill iqabbad lill-Kummissjoni Festa Esterna Fgura biex jinxtraw l-arbli bil-bnadar għal Jum il-Fgura, għal spiża ta' mhux iktar minn €750". Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.5.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5628/20/8 "Sabiex tintrama s-siġra tal-Milied fi Triq Hompesch għal spiża ta' mhux aktar minn €2,000". Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.5.4** Saret diskussjoni dwar armar għall-Milied. Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: 5629/20/8 "Sabiex tintrama Pjazza Kunsill tal-Ewropa, l-ewwel żewġ arbli ta' Vjal Kottoner u Wesgħa Reggie Miller għall-festi tal-Milied għal spiża ta' mhux aktar minn €3,000". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.5.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5630/20/8 "Sabiex isiru tiswijiet tal-istilel tal-Milied mill-Kummissjoni Festa Esterna, għal spiża ta' mhux iktar minn €1,000". Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 24.6 FINANZI

**24.6.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 24.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**24.7.1** Is-Sindku spjega fuq fuq il-proġett ta' slow streets li bil-kollaborazzjoni tal-Kuns R Ellul flimkien ma perit imqabbad apposta ser inkunu qed nippjanaw biex din il-ħolma ssir rejalta li jkollna żona pedonali fl-akwata ta' Triq Hompesch bejn Triq il-Karmnu u Triq is-Sur. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5631/20/8 "Sabiex tiġi approvata l-applikazzjoni annessa b'konnessjoni ma' SPI Finanzjament ta' Proġetti Kapitali, Aċċessibilita' u Mobilita' - Slow Streets Project". Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Slow Streets

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 24.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**24.8.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 24.9 KORRISPONDENZA

**24.9.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 24.10 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**24.10.1** Is-Sindku nforma lill-kamra li s-sitwazzjoni tal-ġbir tal-iskart qed tirranġa. Faħħar lill-Community Policing f'dan l-istadju dwar il-ħidma tagħhom li bdiet fil-lokal u sabiex bihom intaffu l-problemi li kien ikollna fil-bandli kif ukoll madwar il-Fgura.

Community Policing

**24.10.2** Is-Sindku nforma lill-kamra dwar direttiva li rċevejna mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn fakkar dwar l-importanza li l-laqgħat tal-Kunsill jsiru aktar fil-qosor.

Direttivi Covid-19

Il-Kuns C Bonello daħal fil-kamra 18:30hrs.

Is-Sindku kompla jispjega li l-progress ta' ħidma għandu jiġi mgħoddi qabel il-laqgħa tal-Kunsill dan sabiex fil-laqgħa niġu bid-deċiżjonijiet. Semma l-ħtieġa li jintlibsu l-maskli waqt il-laqgħa tal-Kunsill u li tinżamm id-distanza.

**24.10.3** Is-Sindku nforma lill-kamra dwar korrispondenza li rċevejna mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar ittra minn Transport Malta rigward it-tabelli fit-toroq. Saret diskussjoni. Ġie deċiż li tintbgħat korrispondenza lil Transport Malta fejn tintbgħat ukoll il-byelaw li għandna fejn naraw bħala Kunsill aħniex konformi.

Tabelli fit-toroq

**24.10.4** Is-Sindku nforma lill-kamra dwar mozzjoni li tressqet bir-referenza: 5605/20/8 fuq ir-rigward ta' towing ta' vetturi. F'dan l-istadju s-Sindku ressaq emenda " Rigward mozzjoni 5605/20/8, għandha tinqata l-parti t'isfel fejn jindika ħruġ ta' tender". Għaldaqstant il-mozzjoni ġiet taqra: "Dan il-Kunsill għandu jibda l-proċess biex kull vettura mingħajr liċenzja jew dokumenti mhux mitluba għandha tiġi towjata għall-spiża ta' mhux aktar minn €150 vat inkluż". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Towing ta' vetturi

Il-mozzjoni emendata għaddiet nem con.

**24.10.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5632/20/8 "Dan il-Kunsill għandu japprova biex titwaħħal siġra fil-bandli ta' Redent Gauci. Din ser titwaħħal bħala tifkira mill-għeluq il-100 sena tal-Partit Laburista". Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara.

Siġra fil-bandli

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.10.6** Is-Sindku nforma lill-kamra illi l-ikla annwali tal-Milied għall-membri tal-Kunsill, staff u ħaddiema ser issir nhar l-Erbgħa 16 ta' Diċembru, 2020. Il-post jiġi komunikat iktar il quddiem.

Ikla tal-Milied

## 24.11 JUM IL-FGURA/ĠIEĦ IL-FGURA

**24.11.1** Il-Kuns M Lombardo fakkar illi nhar il-Ħamis 22 ta' Ottubru bejn id-09:45hrs u l-11:00hrs ser tkun qed tittella attivita fejn ser titħawwel siġra flimkien mal-istudenti tal-ħames sena fl-Iskola Primarja tal-Fgura bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Fgura. Ser ikunu mistiedna wkoll l-familjari ta' Nazzareno Farrugia.

Attivita 22/10/2020

**24.11.2** Il-Kuns M Lombardo nforma lill-kamra illi dwar Jum il-Fgura li ser isir il-Ħadd 25 ta' Ottubru l-inviti diġa inħarġu u jekk hemm xi ħadd li jixtieq iżid kemm jagħmel kuntatt miegħu. Din is-sena żidna lill-President tar-Reġjun Xlokk. Ħa jkun qed jara li din is-sena kull membru tal-Kunsill ikun qed jagħti s-sehem tiegħu kemm waqt il-quddiesa kif diġa miftiehem kif ukoll waqt iċ-ċerimonja propja ta' Jum il-Fgura.

Jum il-Fgura 25/10/2020

## 24.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**24.12.1** Il-Kuns R Ellul informa lill-kamra li x-xogħolijiet ta' fejn ir-roundabout tat-triq prinċipali mexjin ġmielhom. Il-Kuns C Bonello semma l-plates tal-ħadid li qed jokkupaw spazju ta' parkeġġ biex jekk huma lesti mix-xogħol ineħħuhom u anki makkinarju li tħalla hemm. Il-Kuns R Ellul ser ikun qed ikellem lill-Perit dwar dan.

Roundabout

Triq l-Għarnuq

**24.12.2** Is-Sindku nforma lill-kamra li x-xogħolijiet fi Triq l-Għarnuq bdew u anki twaħħlu tabelli. Il-Kuns M Lombardo ġibed l-attenzjoni li twaħħlu tabelli fi Triq l-14 ta' Diċembru li jistgħu joħolqu inkonvenjent bla bżonn.

## 24.13 TRAFFIC MANAGEMENT

**24.13.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5533/20/8 "Sabiex il-Kunsill jagħmel bozza fi Triq Gardjola kantuniera ma Triq Pawlu Micallef". Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.13.2** Il-Kuns R Ellul ressaq mozzjoni ref: 5634/20/8 "Sabiex isir pole tal-plastik quddiem 43. Triq Louis Schicluna Fgura. Dan il-pole għandu jsir taħt il-bankina peress li qegħdin jipparkjaw eżatti mal-koxxa u mhux jista joħroġ mill-garaxx. Dan għandu jsir wara l-approvazzjoni tal-Awtorita tat-Trasport Malta". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.13.3** Il-Kuns R Ellul ressaq mozzjoni ref: 5635/20/8 "Sabiex tiġi stallata removable bollard fit-triq, fi Triq San Tumas k/m Triq il-Liedna wara li tinġib l-approvazzjoni minn Transport Malta". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.13.4** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: 5636/20/8 "Sabiex Triq tax-Xemx u l-Qamar issir "one-way" fid-direzzjoni ta' Triq il-Karmnu". Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.13.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5637/20/8 "Sabiex issir bozza ġdida ma' arblu li hemm fil-kantuniera ta' Triq Antonio u Maria Cumbo ma Triq il-21 ta' Jannar ". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.13.6** Il-Kuns R Ellul ressaq mozzjoni ref: 5638/20/8 "Sabiex isir double yellow line 1 mtr quddiem 49. Triq Vincenzo Maculano, Fgura skont il-pjanta annessa". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.13.7** Il-Kuns R Ellul ressaq mozzjoni ref: 5639/20/8 "Sabiex dan il-Kunsill japprova s-site plan annessa fejn Ġorġ Stevens issir one way toħroġ għal Triq AM Valperga u ssir one way ukoll Triq Karmelitani tidħol biss minn Triq AM Valperga". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.13.8** Il-Kuns R Ellul ressaq mozzjoni ref: 5640/20/8 "Sabiex jiġu stallati removable bollards fit-triq, fi Triq il-Karmnu k/m Triq it-Tagħlim wara li

tinġib l-approvazzjoni minn Transport Malta". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.13.9** Il-Kuns R Ellul ressaq mozzjoni ref: 5641/20/8 "Sabiex issir kaxxa safra quddiem 14. Triq is-Sardinella Fgura. Dan għaliex infetaħ garaxx u fil-preżent hemm kaxxa bajda". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**25.13.9** Il-Kuns R Ellul ressaq mozzjoni ref: 5642/20/8 "Sabiex issir MC Bay ġewwa Triq Nazzareno Farrugia. Din għandha ssir fil-kantuniera flok il-kaxxa s-safra minħabba li l-iscammel mhux qiegħed idur għax jipparkjaw fil-kantuniera". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**26.13.9** Il-Kuns R Ellul ressaq mozzjoni ref: 5643/20/8 "Sabiex isiru double yellow lines quddiem 58. Thanks God Triq Ċensu Busuttil". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**27.13.9** Il-Kuns R Ellul ressaq mozzjoni ref: 5644/20/8 "Sabiex titneħħa l-parti tar-rampa li saret taħt il-bankina quddiem 7. Triq Falkunier, Fgura. Dan l-ilment għandu jiġi riferut għand il-Community Policing". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-Kuns C Bonello staqsa dwar l-*isleeping policeman* li kellha ssir fi Triq San Tumas in-naħa ta' Ħal Tarxien. Is-Sindku nfurmah illi l-*isleeping policemen* isiru wara li jsiru z-*zebra crossings*.

## 24.14 STAFF

**24.14.1** Is-Sindku nforma illi għada l-Ħamis 15 t'Ottubru ser tkun qed tagħlaq il-vakanza għal żewġ skrivani. Ser inkunu qed inkomplu bil-proċess f'dan ir-rigward billi jiġu msejħa l-applikanti għall-ewwel intervista u jekk wara jkun il-bżonn, ssir intervista oħra iktar dettaljata.

## 24.15 MOZZJONIJIET

**24.15.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 24.16 PLANNING AUTHORITY

**24.16.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 24.17 RAZZETT L-ANTIK – TRIQ HOMPESCH

**24.17.1** Is-Sindku nforma lill-kamra illi l-Kunsill tefa l-applikazzjoni tiegħu biex ir-razzett jiġi skedat u li s'issa għadu ma ġie deċiż xejn. Tingħata iktar informazzjoni iktar il quddiem hekk kif ikollna.

## 24.18 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**24.18.1** T Schembri nfurmat lill-kamra li ġabet iż-żewġ kwotazzjonijiet l-oħra għal *web app*. Is-Sindku nforma illi hija xi ħaġa sabiħa li jiġi mistieden il-Ministru u l-kelliem tal-oppożizzjoni responsabbli mill-Kunsill Lokali għal din l-inawgurazzjoni. Il-Kuns C Bonello offra li jagħti l-għajnuna tiegħu sabiex isir il-*launch* inkluż l-inawgurazzjoni. T Schembri ressqet mozzjoni ref: 5645/20/8 "Sabiex il-Kunsill jibda l-proċess ma' Arkafort Limited biex tiġi krejata l-*app* tal-Kunsill Lokali tal-Fgura għas-somma ta' €2,979.50". Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.18.2** A Tanti nforma lill-kamra li rigward l-applikazzjoni tagħna tal-*Animal Welfare* għadhom qed jaħdmu fuqha min naħa tad-Dipartiment.

**24.18.3** C Bonello nforma dwar l-iskema kulturali LESA fejn issuġerixxa li dawn jinqasmu fi tlieta. Waħda tmur b'direct order u t-tnejn l-oħra jmorru b'tender minħabba l-ammont tagħhom. Kien hemm qbil dwar dan. C Bonello ressaq mozzjoni ref: 5646/20/8 "Mozzjoni sabiex toħroġ sejħa għall-offerti bbażata fuq is-servizz offrut għar-restawr ta' niċċa u milestone fi Triq il-Karmnu". Din kienet sekondata minn M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.18.4** C Bonello nforma li l-isem ta' Triq is-Sejba Punika il-plakek twaħħlu fil-ġranet li għaddew.

**24.18.5** C Bonello nforma li l-arblu ta' Triq il-Karmnu twaħħal f'postu u ġie nawgurat il-Ħadd 11 t'Ottubru, 2020.

**24.18.6** C Bonello nforma li l-arblu ta' Pjazza Reggie Miller weħel, il-plakka ġiet restawrata u l-bażi tal-ġebel wasal fil-fażi finali u li jekk it-temp jippermetti kollox ikun konkluż sa Jum il-Fgura.

**24.18.7** Saret diskussjoni fuq il-bust ta' Nazzareno Farrugia. C Bonello ressaq mozzjoni ref: 5647/20/8 "Mozzjoni sabiex il-Kunsill Lokali joħroġ is-somma ta' mhux iktar minn €3,500 (vat mhux inkluża) sabiex isir bust għal Nazzareno Farrugia. B'dan il-mod il-Kunsill qed jagħmel għażla nru 1 tal-kwotazzjoni mressqa mill-iskulturi Camilleri Cauchi datata 14 t'Ottubru 2020. Il-Kunsill Lokali ser jitkellem mal-familja sabiex jekk jixtiequ li l-bust isir tal-bronż, l-ammont ta' €4,400 għandu joħroġ minnhom jew minn fondi oħrjan minn terzi". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-Kuns C Bonello ħareġ mill-kamra 19:10hrs.

**24.18.8** R Deguara nforma lill-kamra illi xtaq li ssir il-ħarġa tal-Milied iżda minħabba l-pandemija tal-covid-19 mhux ser ikun qed jieħu riskju.

**24.18.9** Il-Viċi Sindku nforma li d-*design* tal-ħawt għal Triq is-Sur in-naħa ta' fuq faċċata ta' Carnation Store lest u ser jinġiebu kwotazzjonijiet għal dan minn R Ellul.

**24.18.10** Il-Viċi Sindku ressaq mozzjoni ref: 5648/20/8 "Sabiex dan il-Kunsill japprova l-quotation ta' I Spy Project li kienet l-irħas waħda għal xiri ta' cctv cameras għall-prezz ta' €1,395.94". Din kienet sekondata minn R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.18.11** Saret diskussjoni dwar il-problema ta' parking li tinsab fi Pjazza Reggie Miller. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: 5649/20/8 "Biex isiru arbli ta' sinjali fejn waqt il-quddies u attivitajiet ikunu jistgħu jipparkjaw mad-dawra tal-Ġnien Reggie Miller". Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

Il-Kuns C Bonello daħal fil-kamra 19:15hrs.

**24.18.12** C Bonello nforma li ċ-ċerimonja tal-eżibizzjonijiet tat-tpinġijiet tat-tfal ser issir il-Ġimgħa 23 ta' Ottubru fis-18:30hrs fi Triq il-Kitba ma Triq is-Sur u l-preżentazzjoni taċ-ċerimonja ser issir minn Joseph Chetcuti. Il-*banners* ser nippruvaw li jeħlu mal-ħadid tal-iskola primarja u jibqgħu hemm bħalha eżibizzjoni għal madwar xahar. It-tfal mhux kollha ġew għar-ritratt minkejja li nżammu tlett sessjonijiet għand il-Fotografer. It-tfal ser jingħataw ktieb u ċertifikat waqt din iċ-ċerimonja. C Bonello ressaq mozzjoni ref: 5650/20/8 "Mozzjoni sabiex tiżdied is-somma ta' €1,500 mal-allokazzjoni ġa approvata għal ċerimonja tal-covid-19 li ser issir nhar il-Ġimgħa 23 t'Ottubru, 2020". Din kienet sekondata minn M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.18.13** C Bonello nforma li bdew il-preparamenti fuq l-attivita tal-Milied u Festa tal-Ilsien Malti u ser jgħaddi l-informazzjoni kollha fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**24.18.14** C Bonello nforma li ssuġerixxa lill-Kappillan li l-irħama tkun viċin il-knisja fi Pjazza Reggie Miller tal-monument tal-75 sena mill-wasla tal-Patrijiet Karmelitani fil-Fgura. Il-Kappillan aċċetta li din titwaħħal maz-zuntier tal-Knisja fi Pjazza Reggie Miller iżda ser ikellem lill-komunita u jkellimna lura. Rigward l-inawgurazzjoni l-Kappillan għandu jtina data skont il-programm tal-knisja. C Bonello ressaq mozzjoni ref: 5651/20/8 "Mozzjoni sabiex issir irħama kommemorattiva tal-75 anniversarju mill-wasla tal-Patrijiet Karmelitani fil-Fgura għas-somma ta' mhux iktar minn €1,000". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.18.15** C Bonello nforma li għal din is-sena ser nerġgħu nagħmlu l-kompetizzjoni tal-Isbaħ Faċċata ta' djar armati għall-Milied. C Bonello ressaq mozzjoni ref: 5652/20/8 "Mozzjoni sabiex issir kompetizzjoni tal-isbaħ faċċata ta' dar armata għal Milied 2020 bi spiża ta' mhux aktar minn €600". Din kienet sekondata minn A Tanti.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**24.18.16** C Bonello ssuġerixxa li l-Kunsill Lokali jidħol fl-inizjattiva Għaqda Każini Baned. C Bonello ressaq mozzjoni ref: 5653/20/8 "Mozzjoni sabiex il-Kunsill Lokali jieħu sehem fl-inizjattiva ta' Għaqda Każini tal-Baned sabiex jiġi ddikjarat li l-festi Maltin ikunu rikonoxxuti mill-Unesco bħala Wirt Kulturali Intanġibbli tal-Umanita skont l-ittra annessa datata 15 ta' Settembru 2020". Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 24.19 MISTOQSIJIET

**24.19.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigard.

## 24.20 AĠĠORNAMENT

**24.20.1** Il-laqgħa ntemmet fis-19:30hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 18 ta' Novembru, 2020 fis-18:00hrs.

IFFIRMATA

Is-Sur Pierre Dalli
Sindku

IFFIRMATA

Is-Sinjura Cynthia Plumpton
Segretarju Eżekuttiv

Data: 14 ta' Ottubru, 2020

DOK 'A'

| PRFPO for CM October 2020 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Purchase Request** | **Purchase Order** | **Name** | **Item** | **Price Euro** |
| 8364 | 8581 | National Gypsum | 1 float sponge, 2x535, 2 kazzoli, 1 cement, 2 paintbrush, 8 RB Hex 10mm, 1 sigma acrylic, 3 sigma kwartz, 1 paint brush, 2 mtrs sandpaper, 1 pair gloves, 1 pkt cable ties, 1 pair gloves, 1 msk dust, 3mtr sandpaper, 4 sigma kwartz, 3 paint brush, 1 kazzola, 1 box gloves, 2 pkts cable ties, 1 cement, 2 sigma acrylic, 6mtr sandpaper, 1 mask | € 454.39 |
| 8365 | 8582 | Scan - PC Options Ltd | docking station, 2 charges for laptop | € 298.60 |
| 8366 | 8583 | Antonio Piscopo | 1 box 7 up, 1 box Coca, plastic plates x50, plastic glasses x50, jablo glasses x50 | € 24.62 |
| 8367 | 8584 | Saviour Belli | Chaging of flushing pumps from 1st floor (staff) | € 106.20 |
| 8368 | 8585 | Chain Supermarket | 20kgs banana, 5 kgs apples for Car Free Day 2020 | € 54.50 |
| 8369 | 8586 | GSD Marketing Ltd | Still water 12x12, fruity water 12x10, healthy juices 12x10 for car free day 2020 | € 122.40 |
| 8370 | 8587 | Francis Service Station | Diesel IBL 985 | € 40.00 |
| 8371 | 8588 | Lourdes Service Station | VRT Test IBL985 | € 36.38 |
| 8372 | 8589 | Mirage Sound System | PA System during press conference re Razzett L-Antik | € 85.00 |
| 8373 | 8590 | Albano Grima | Bowser, washing of Hompesch Road and cleaners during Car Free Day 2020 | € 400.00 |
| 8374 | 8591 | Cartridge World | 1 hp toner yellow, 1 hp toner magenta, 1 hp toner cyan | € 120.00 |
| 8375 | 8592 | Kummissjoni Festa Esterna | Kiri ta' 6 imwejjed ghal waqt il-Car Free Day 2020 | € 30.00 |
| 8376 | 8593 | Maypole Bakery Ltd | healthy food for participants during Car Free Day 2020 | € 216.00 |
| 8377 | 8594 | Ryan Bezzina | design & printing of covid19 campaign certificates | € 65.00 |
| 8378 | 8595 | Sunland Printers Ltd | 650xA4 Posters, 250 X Certficates for Car Free Day 2020 | € 413.00 |
| 8379 | 8596 | Roc-a-go | Hiring of Hi Up on 17/9/2020 re placing of trust at PPRG | € 177.00 |
| 8380 | 8597 | Jesmond Bartolo | restoration of granite plaque at wesgha Reggie Miller | € 80.00 |
| 8381 | 8598 | EcoPure Ltd | 5 water bottles for dispenser | € 21.50 |
| 8382 | 8599 | Martin Dimech | Photography Service during Car Free Day 2020 | € 265.50 |
| 8383 | 8600 | Jason Monreal | sound system during Car Free Day 2020 | € 342.20 |
| 8384 | 8601 | National Gypsum | 2 sigma kwartz, 1 paletta, 1 paint brush, 1 squeezer, 1 mask, 1 acrylic white, 1 cement, 1 trunking, 1 blue nails, 1 berger 5 ltrs Magnolia, 1 paint brush, 1 cement, 2 pkts cable ties | € 138.77 |
| 8385 | 8602 | PMD Coatings (Malta) ltd | 3 blue paint | € 171.34 |
| 8386 | 8603 | Catherine Sammut | Maid service during Sept 2020 | € 377.40 |
| 8387 | 8604 | Adrian Mifsud | DPO Service during Sept 2020 | € 373.67 |

**Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 17/09/2020 sa 7/10/2020**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Staff Salary for Sept 2020 by cheque | € 2,163.79 | € 2,163.79 | DA | PF | Payroll for Sept 2020 | nil | nil | nil | nil | 1200 | 13766 |
| 2 | Staff Salary for Sept 2020 by cheque | € 2,093.44 | € 2,093.44 | DA | PF | Payroll for Sept 2020 | nil | nil | nil | nil | 1200 | 13767 |
| 3 | Staff Salary for Sept 2020 by cheque | € 1,460.71 | € 1,460.71 | DA | PF | Payroll for Sept 2020 | nil | nil | nil | nil | 1200 | 13768 |
| 4 | Staff Salary for Sept 2020 by cheque | € 1,451.57 | € 1,451.57 | DA | PF | Payroll for Sept 2020 | nil | nil | nil | nil | 1200 | 13769 |
| 5 | Staff Salary for Sept 2020 by cheque | € 358.34 | € 358.34 | DA | PF | Payroll for Sept 2020 | nil | nil | nil | nil | 1200 | 13770 |
| 6 | Honoraria for Sept 2020 by cheque | € 938.28 | € 938.28 | DA | PF | onorarja ghal Settembru 2020 | nil | nil | nil | nil | 1100 | 13771 |
| 7 | Councillor Allowance for Sept 2020 by cheque | € 150.00 | € 150.00 | DA | PF | Allowance for Sept 2020 | nil | nil | nil | nil | 1101 | 13772 |
| 8 | Councillor Allowance for Aug 2020 by cheque | € 150.00 | € 150.00 | DA | PF | Allowance for Sept 2020 | nil | nil | nil | nil | 1101 | 13773 |
| 9 | Councillor Allowance for Aug 2020 by cheque | € 150.00 | € 150.00 | DA | PF | Allowance for Sept 2020 | nil | nil | nil | nil | 1101 | 13774 |
| 10 | Councillor Allowance for Aug 2020 by cheque | € 160.00 | € 160.00 | DA | PF | Allowance for Sept 2020 | nil | nil | nil | nil | 1101 | 13775 |
| 11 | Councillor Allowance for Aug 2020 by cheque | € 150.00 | € 150.00 | DA | PF | Allowance for Sept 2020 | nil | nil | nil | nil | 1101 | 13776 |
| 12 | Councillor Allowance for Aug 2020 by cheque | € 160.00 | € 160.00 | DA | PF | Allowance for Sept 2020 | nil | nil | nil | nil | 1101 | 13777 |
| 13 | Councillor Allowance for Aug 2020 by cheque | € 212.34 | € 212.34 | DA | PF | Allowance for Sept 2020 | nil | nil | nil | nil | 1101 | 13778 |
| 14 | Councillor Allowance for Aug 2020 by cheque | € 160.00 | € 160.00 | DA | PF | Allowance for Sept 2020 | nil | nil | nil | nil | 1101 | 13779 |
| 15 | Councillor Allowance for Aug 2020 by cheque | € 160.00 | € 160.00 | DA | PF | Allowance for Sept 2020 | nil | nil | nil | nil | 1101 | 13780 |
| 16 | Commissioner of Inland Revenue | € 2,990.00 | € 2,990.00 | DA | PF | NI & Tax for Sept 2020 | nil | nil | nil | nil | 1500 | 13781 |
| 17 | Petty Cash | € 231.18 | € 231.18 | DA | PF | reimbursement for Sept 2020 Petty Cash | nil | nil | nil | nil | 5010 | 13782 |
| 18 | Department of information | € 10.00 | € 10.00 | D | PF | Advert in Government Gazzette re road closure of Carmel Street on 11.10.2020 | nil | nil | nil | nil | 2620 | 13783 |
| | **Sub Total c/f** | **€ 13,149.65** | **€ 13,149.65** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€ 13,149.65** | **€ 13,149.65** | | | | | | | | | |

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**
**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**
**Approvati fis-Seduta Nru:**

IFFIRMATA
Pierre Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Cynthia Plumpton
Segretarju Eżekuttiv

IFFIRMATA - RYAN ELLUL
Proponent

IFFIRMATA - CLAYTON PORTELLI CASCUN
Sekondant

**Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 17/09/2020 sa 7/10/2020**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 19 | construct Furniture | € 1,468.00 | € 1,468.00 | D | PF | Purchase a desk, a 10 drawer cabinet & a door | 1/10/2020, 30/9/2020 | 101120, 01320, 01220 | 8216, 8250, 8249 | 8430, 8464, 8463 | 7201 | 13784 |
| 20 | Scan Centre | € 298.61 | € 298.61 | D | PF | 2 Notebook power supply, 2 laptop supply cable, 1 triple video docking | 16/09/20 | 2170133 | 8365 | 8582 | 2330 | 13785 |
| 21 | CAS Ltd | € 45.00 | € 45.00 | D | PF | repair on ac located at 2nd floor in server room | 09/09/20 | 42971 | nil | nil | 2330 | 13786 |
| 22 | Antonio Piscopo Co Ltd | € 24.62 | € 24.62 | D | PF | Refreshments & other disposables for Car Free Day 2020 | 18/09/20 | 21871343 | 8366 | 8583 | 3380 | 13787 |
| 23 | Saviour Belli | € 106.20 | € 106.20 | D | PF | Changing of flushing pumps of 1st floor toilets | 11/09/20 | 13 | 8367 | 8584 | 2330 | 13788 |
| 24 | Lourdes Service Station | € 36.32 | € 36.32 | D | PF | VRT Test IBL985 | 23/09/20 | 44799 | 8371 | 8588 | 2761 | 13789 |
| 25 | Sound Solutions Events | € 212.00 | € 212.00 | D | PF | PA System for inauguration of Triq Nazzareno Farrugia | 06/09/20 | 711 | 8332 | 8549 | 3360 | 13790 |
| 26 | PC Generation | € 973.50 | € 973.50 | D | PF | Server maintenance agreement for the period Oct to Dec 2020 | 15/09/20 | 4085 | 8164 | 8377 | 3110 | 13791 |
| 27 | progressive solutions Ltd | € 2,363.43 | € 2,363.43 | T | PF | Soft Areas for Feb 2020 | 10/03/20 | 12 | nil | nil | 3062 | 13792 |
| 28 | Rocco Mifsud | € 5,631.01 | € 5,631.01 | T | PF | Street Sweeping for Aug 2020 | 01/09/20 | 18 | nil | nil | 3051 | 13793 |
| 29 | GSD Marketing Ltd | € 122.40 | € 122.40 | D | PF | Refreshments for participants for Car Free Day 2020 | 18/09/20 | 30659595 | 8369 | 8586 | 3380 | 13794 |
| 30 | National Gypsum | € 491.00 | € 491.00 | D | PF | 1 pkt clips, 1 paint brush, 2 pkts cable ties, 3 rollers, 3 handles, 3 lasti, 3 paint brushes, 2 masks, 2 masking tapes, 3 trays, 1roller, 1 patio dressing green, 3 RBHex 10m, 3 RB Hex 8m, 10 cutting discs, 2 gloves, 1 cutter, 2 bolts & nuts, 1 sigma façade, 1 LEM 80, 1 bucket, 3 rollers, 3 paint brush, 1 kazzola, 2 patio dressing red, 2 patio dressing green, 1 pair gloves, 2x2kg fuq il-fil, 1 paint brush, 1 galvacoat, 6 fuses, 1pkt vireg tal-welding, 4 rollers, 1 padlock, 2 paint brush, 1gloves, 1 pkt cable ties, 1 padlock, 1 gloves, 10 screws, 8 clips, 2 gloves, 3 rollers, 1 cement black, 2 PVC coated wire, 1 plastic 2mtrs | 17/09/20 | 9020, 9021, 9019 | 8360, 8363, 8339 | 8577, 8580, 8556 | 2303 | 13795 |
| 31 | LESA | € 212.40 | € 212.40 | D | PF | Extra community officers on 12/7/2020 & 8/7/2020 | 31/07/20 | 158 | nil | nil | 3630 | 13796 |
| 32 | Kummissjoni Festa Esterna | € 500.00 | € 500.00 | D | PF | Xoghol ta' restawr fuq l-arblu f'Wesgha Reggie Miller | 30/09/20 | 3 | 8337 | 8554 | 2303 | 13797 |
| 33 | Kummissjoni Festa Esterna | € 1,500.00 | € 1,500.00 | D | PF | Arblu gdid fi triq il-Karmnu | 30/09/20 | 2 | 8243 | 8457 | 7230 | 13798 |
| 34 | Avantech Ltd | € 22.93 | € 22.93 | K | PF | Copy count during Sept 2020 | 24/09/20 | 255358 | nil | nil | 2610 | 13799 |
| 35 | Signmark Ltd | € 188.80 | € 188.80 | T | PF | replacement of street signs | 24/09/20 | 859 | nil | nil | 2313 | 13800 |
| | **Sub Total c/f** | **€ 14,196.22** | **€ 14,196.22** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€ 13,149.65** | **€ 13,149.65** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€ 27,345.87** | **€ 27,345.87** | | | | | | | | | |

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**
**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**
**Approvati fis-Seduta Nru:**

IFFIRMATA
Pierre Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Cynthia Plumpton
Segretarju Eżekuttiv

IFFIRMATA - RYAN ELLUL
Proponent

IFFIRMATA - CLAYTON PORTELLI CASCUN
Sekondant

**Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 17/09/2020 sa 7/10/2020**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 36 | Roc-a-go | € 177.00 | € 177.00 | D | PF | Hiring of Hi Up on 17/9/2020 re placing of trust at PPRG | 17/09/20 | 5302 | 8379 | 8596 | 2720 | 13801 |
| 37 | Kummissjoni Festa Esterna | € 30.00 | € 30.00 | D | PF | Hiring of 6 tables during Car Free Day 2020 | 24/09/20 | 1 | 8375 | 8592 | 3380 | 13802 |
| 38 | Cartridge World | € 120.00 | € 120.00 | D | PF | 3 Toners for HP Printers Magenta, yellow, Cyan | 24/09/20 | 1500304 | 8374 | 8591 | 2620 | 13803 |
| 39 | David Grasso | € 85.00 | € 85.00 | D | PF | PA system on 23/9/2020 re: Konferenza Razzett l-Antik | 24/09/20 | nil | 8372 | 8589 | 3360 | 13804 |
| 40 | Albano Grimo | € 400.00 | € 400.00 | D | PF | Hiring of bowser, road wash and cleaners during Car Free Day 2020 | 29/09/20 | 100 | 8373 | 8590 | 3380 | 13805 |
| 41 | EcoPure Ltd | € 21.50 | € 21.50 | D | PF | 5 water bottles for dispenser | 23/09/20 | 844374 | 8381 | 8598 | 3340 | 13806 |
| 42 | Marlene Gerada | € 482.03 | € 482.03 | D | PF | Librarian Service during Sept 2020 | 01/10/20 | 33 | nil | nil | 3067 | 13807 |
| 43 | PMD Coatings Malta Ltd | € 230.10 | € 230.10 | T | PF | Road paint & thinner | 01/10/20 | 67396 | nil | nil | 2302 | 13808 |
| 44 | PMD Coatings Malta Ltd | € 171.34 | € 171.34 | D | PF | 20Ltrs Blue Paint | 01/10/20 | 67398 | 8385 | 8602 | 2302 | 13809 |
| 45 | Sunland Printers Ltd | € 387.00 | € 387.00 | D | PF | Design & printing of certificates and posters for Car Free Day 2020 | 29/09/20 | 35022, 35021 | 8378 | 8595 | 2610 | 13810 |
| 46 | Chain Supermarket | € 45.01 | € 45.01 | D | PF | Fruit for Car Free Day 2020 | 30/09/20 | 4711 | 8368 | 8585 | 3380 | 13811 |
| 47 | Catherine Sammut | € 377.40 | € 377.40 | D | PF | Maid service during Sept 2020 | 30/09/20 | 88 | 8386 | 8603 | 3055 | 13812 |
| 48 | Adrian Mifsud | € 373.67 | € 373.67 | D | PF | DPO Service during Sept 2020 | 30/09/20 | 20 | 8387 | 8604 | 3190 | 13813 |
| 49 | Arms Ltd | € 191.61 | € 191.61 | D | PF | Electricty at Public Garden Reggie Miller 10/6/20 - 26/8/20 | 26/09/20 | 30620065 | nil | nil | 2130 | 13814 |
| 50 | Arms Ltd | € 84.69 | € 84.69 | D | PF | Water & Electricity at Pjazza Patri Redent Gauci 10/6/20 - 26/8/20 | 26/09/20 | 30620066 | nil | nil | 2130/2140 | 13815 |
| 51 | Arms Ltd | € 48.10 | € 48.10 | D | PF | Electricty at Paviment Taghlim c/w Triq is-Sur 10/6/20 - 26/8/20 | 26/09/20 | 30620061 | nil | nil | 2130 | 13816 |
| 52 | Arms Ltd | € 44.27 | € 44.27 | D | PF | Electricity at Niche of Our Lady on St John 10/6/20 - 26/8/20 | 26/09/20 | 30620068 | nil | nil | 2130 | 13817 |
| 53 | Arms Ltd | € 383.49 | € 383.49 | D | PF | Electricity at Public Garden Pjazza Patri Redent Gauci 4/6/20 - 2/9/20 | 26/09/20 | 30620062 | nil | nil | 2130 | 13818 |
| 54 | Arms Ltd | € 59.69 | € 59.69 | D | PF | Water & Electricity at Club Pjazza Patri Redent Gauci 10/6/20 - 26/8/20 | 26/09/20 | 30620067 | nil | nil | 2130/2140 | 13819 |
| 55 | Arms Ltd | € 963.76 | € 963.76 | D | PF | Water & Electricity at 126-128 Triq Hompesch 4/8/20 - 3/9/20 | 28/09/20 | 30632932 | nil | nil | 2130/2140 | 13820 |
| 56 | Arms Ltd | € 96.45 | € 96.45 | D | PF | Water & Electricity at B'ment & Club Pjazza Patri Redent Gauci 3/6/20 - 2/9/20 | 26/09/20 | 30620063 | nil | nil | 2130/2140 | 13821 |
| | **Sub Total c/f** | **€ 4,772.11** | **€ 4,772.11** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€ 27,345.87** | **€ 27,345.87** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€ 32,117.98** | **€ 32,117.98** | | | | | | | | | |

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**
**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**
**Approvati fis-Seduta Nru:**

IFFIRMATA
Pierre Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Cynthia Plumpton
Segretarju Eżekuttiv

IFFIRMATA - RYAN ELLUL
Proponent

IFFIRMATA - CLAYTON PORTELLI CASCUN
Sekondant

Kunsill Lokali: IL- FGURA

Skeda Nru. 24

**Skeda ta' Pagamenti v3 - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: 17/09/2020 sa 7/10/2020**

| | Fornitur | | Ammont tal-Invoice | | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 57 | Arms Ltd | € | 38.02 | € | 38.02 | D | PF | Electricity at Triq Gorg Stevens 10/6/20 - 26/8/20 | 26/09/20 | 30620064 | nil | nil | 2130 | 13822 |
| 58 | Eugenio Buhagiar | € | 94.40 | € | 94.40 | D | PF | Hiring of 80 chairs & 4 tables re inawgurazzjoni Triq Nazzareno Farrugia | 04/09/20 | 3824 | 8352 | 8569 | 3360 | 13823 |
| 59 | WasteServ Malta Ltd | € | 6,233.23 | € | 6,233.23 | D | PF | Disposal of waste during Aug 20 | 15/09/20 | 98113, 98059 | nil | nil | 3040 | 13824 |
| 60 | Socjeta tad-Duttrina Nisranija (Museum) | € | 2,998.62 | € | 2,998.62 | D | PF | Maintenance works as per motion 5572/20/8 | nil | nil | 8361 | 8578 | 2310 | 13825 |
| 61 | Jesmond Bartolo | € | 80.00 | € | 80.00 | D | PF | restoraton of granite plaque at Wesgha Reggie miller | 02/10/20 | 456 | 8380 | 8597 | 2313 | 13826 |
| 62 | C & P Services | € | 1,475.00 | € | 1,475.00 | D | PF | Coordinator of events during Car Free Day 2020 | 26/09/20 | nil | 8389 | 8606 | 3360 | 13827 |
| 63 | Bristow Potteries Ltd | € | 454.30 | € | 454.30 | D | PF | Ceramic street names | 02/09/20 | 3344 | 8336 | 8553 | 2302 | 13828 |
| 64 | Dr Andy Ellul | € | 200.60 | € | 200.60 | D | PF | Legal letter to wsc & asfaltar ltd, advise re employment | 11/09/20 | 163 | nil | nil | 3140 | 13829 |
| 65 | R & A Waste Services Ltd | € | 5,605.00 | € | 5,605.00 | T | PF | Collection of waste during Sept 2020 | 30/09/20 | 1585 | nil | nil | 3041 | 13830 |
| 66 | BSI Installations | € | 1,239.00 | € | 1,239.00 | D | PF | Irrangar ta' banking fi Triq il-Misk | 23/09/20 | 693 | 8356 | 8573 | 2300 | 13831 |
| 67 | Martin Dimech | € | 212.40 | € | 212.40 | D | PF | Photography service during Car Free Day 2020 | 01/10/20 | 464 | 8382 | 8599 | 3360 | 13832 |
| 68 | Jimmy muscat | € | 2,246.43 | € | 2,246.43 | T | PF | Bulky Refuse collection for Sept 20 | 30/09/20 | 9 | nil | nil | 3042 | 13833 |
| 69 | Francis Service Station | € | 40.00 | € | 40.00 | D | PF | Diesel IBL985 | 03/10/20 | 8 | 8370 | 8587 | 2750 | 13834 |
| 70 | Adrian Mifsud | € | 60.00 | € | 60.00 | D | PF | Evaluation & evaluation report re tender for road maintenance | 30/09/20 | 21 | 8391 | 8608 | 3140 | 13835 |
| 71 | Pierre Dalli | € | 125.00 | € | 125.00 | D | PF | Reimbursement part of invoice 901 re transport from Warsaw Airport to Hotel and back | nil | nil | nil | nil | 2720 | 13836 |
| 72 | Charles Bonello | € | 125.00 | € | 125.00 | D | PF | reimbursement part of invoice 900 re transport from Warsaw Airport to Hotel and back | nil | nil | nil | nil | 2720 | 13837 |
| 73 | Albano Grima | € | 354.00 | € | 354.00 | D | PF | Public convenience attendance during Oct 2020 | 31/10/20 | 3 | 8393 | 8610 | 3053 | 13838 |
| 74 | Jason Monreal | € | 342.20 | € | 342.20 | D | PF | PA System during Car Free Day 2020 | 25/09/20 | nil | 8383 | 8600 | 3360 | 13839 |
| 75 | Maypole Caterers Ltd | € | 208.51 | € | 208.51 | D | PF | Healthy food during CarFree Day 2020 | 22/09/20 | 4155 | 8376 | 8593 | 3360 | 13840 |
| | **Sub Total c/f** | **€** | **22,131.71** | **€** | **22,131.71** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€** | **32,117.98** | **€** | **32,117.98** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€** | **54,249.69** | **€** | **54,249.69** | | | | | | | | | |

**D - Direct Order, DA - Direct Order Approvat, T - Tender, K - Kwotazzjonijiet**
**PP - Part Payment, PF - Paid in Full.**
**Approvati fis-Seduta Nru:**

IFFIRMATA
Pierre Dalli
Sindku

IFFIRMATA
Cynthia Plumpton
Segretarju Eżekuttiv

IFFIRMATA - RYAN ELLUL
Proponent

IFFIRMATA - CLAYTON PORTELLI CASCUN
Sekondant